ni qatigħ. Mhux ħaġa taċ-ċajt meta tara, tifhem u tħoss li ħallejt iż-żgħożija għal dejjem u bdejt it-triq tan-niżla li, skond l-istess natura, twassal għad-dgħufija sħiħa tal-ġisem u fl-aħħar għal qabar kiesaħ u għeri ... U kif, ngħid għalija jien, qatt ma ħadtha bi kbira nara mhux xagħra waħda imma eluf ta' xagħar abjad folt jew mhux fuq irjus niesi, ħbiebi u tant nies oħra issa, għax nibtitli waħda, l-istess spirtu tiegħi — dari tant jiżżiemel u fuq tiegħu — donnu f'daqqa waħda ħassu jiddgħajjef u jitmewwet! Kemm huwa egoista l-bniedem hux? Il-bniedem li kien fil-waqt li ma jehodha xejn bi kbira li ħaddieħor jikber u jixjieħ — għax hekk imfassla n-natura! — min-naħa l-oħra jħossu mriegħex għax issa jmiss lilu — lili!

Darba fost l-oħrajn, bejn biċ-ċajt u bejn bis-serjetà, niftakar li għedt lil sħabi, aħna u nitħaddtu fuq bosta ħwejjeġ fil-ħin tal-mistrieħ, "Idhku kemm tridu bija xorta waħda se ngħidhielkom b'wiċċi minn quddiem li la niġi biex nintemm jien ħsieb ta' niket bla qies li jfeġġ bħal dari, qisu ma qiegħed jiġri xejn u qisu ma qiegħed imut ħadd ..." Fis-sewwa naħseb li kull bniedem jasal biex iħoss xi ħaġa bħal din qabel jagħlaq għajnejh għal dejjem. Biss mhux kulħadd jasal biex jistqarrha bil-miftuħ bħali ......

Madankollu, naħsbu x'naħsbu, ħaġa waħda hija żgura: la mmutu d-dinja tkun spiċċat għalina. Kellu kemm kellu setgħa d-dittatur f'pajjiżu u fl-artijiet li kien jaħkem la jmut kollox jintemm għalih... U wara, il-funerali kbar statali li jagħmlulu u bil-musulew sabiħ u għani li jqegħduh fih b'kollox, bniedem setgħani bħal dan jisfa' fix-xejn bħall-inqas wieħed li kien jaqdih, bħal dil-mara xwejħa tar-raħal li bħalissa għaddejja minn quddiemi... u bħall-erba' tiġiġiet li qiegħda tbigħ. "U bħalek ukoll," nistħajjilha tpespes kif taf hija biss ix-xagħra bajda tiegħi... Kollu minnu: ix-xagħar jibjad għax ix-xjuħija ma hija xejn ħlief il-ħabbara u l-mogħdija għall-mewt. Lix-xagħar abjad bil-kemm ma nistħajlux minn xi daqqiet bħal għamla oħra ta' dik l-arma li tbeżża' lil bosta, ir-ras ta' mewt imqiegħda fuq żewġ għadmiet imdaqqsa u msallba fuq xulxin. U hekk hu tabilħaqq — iżda l-bniedem magħmul li ma jħobbx jagħti każ u jrid jinsa billi jintilef fid-divertiment jew fix-xogħol. Allaħares ma kienx hekk ukoll għax kieku ma nafx x'jibqa' minna......

Imma dejjem jirnexxilna? Temmnuha li, issa stess, meta qrobt lejn tmiem dil-kitba ma flaħtx ma nagħtix titwila oħra lejn il-mera ħalli nara .... Dawn bċejjeċ dik ix-xagħra bajda — is-salib tiegħi — hemm qiegħda: għadha ma kibretx daqs qabel iżda b'xejn ma trid tħallini, għalkemm diġa' qaċċattha darbtejn jew tlieta qabel .... Din id-darba qtajtha li nisfidaha: hemm inħalliha! Mid-dehra, mhux għal kollox minnu



l-għajdut li jekk titneħħa xagħra bajda, flokha jitilgħu sebgħa oħra... Jekk ma nitgħajjinx, sa issa, lilha biss għandi. Biss xi darba jew oħra, jekk Alla jrid, ix-xahar kollu li jkun għad fadalli mhux bħalha sejjer ikun ukoll? Ibqa' żejjinli rasi, mela, ja xagħra mqarba — wara kollox, kif igħid il-qawl Ingliż. "Kull sħaba jkollha ħajta fidda max-xfar tagħha." Kun inti l-ħajta fidda ta' din xuxti! Għallimni ma nitlifx żmien fix-xejn għax kif wissiena tajjeb il-mibki Papa Ġwanni XXIII. "Darba biss interrqu minn din il-mogħdija: infittxu li ma nitilfu ebda okkażjoni li nagħmlu l-ġid kien fejn kien u kien meta kien."

---

# Bewsa

Xħin fuqi tala' jiddi sħiħ il-qamar muċpari
fid-duħħan tar-riħ ħafif ferrieħi
u l-ilħna tat-tfal samrana dwew daħkana
jilagħbu bla ħtija fit-toroq kennija sajfija
u għoxew il-għajnejn kaħħlana
bħal dwal gahwrija inenmnu fix-xefaq mudlam
misterjuż ...
u bla dija deher id-dawl bħaċ-ċpar tal-ħarifa
f'ħoġor it-twieqi miftuħa
bla nida ...
u nstama' t-tpespis tal-maħbubin medhija
fil-ġonna bi fwieħet il-ward mimlija
minflok il-għana saħħari
imgħaġġel ta' l-agħsafar
f'ilwien xemxija...
faqqgħet il-bewsa ta' tifkira
minn xufftejn oħt mistħija...
ta' xebba b'uliedha mifnija
imkeċċija minn darha
bħal tifla minsija minn niesha...

29 ta' Lulju, 1976

Mario F. Bezzina.